ONUS PROBANDI

AWTENTIKAZZJONI TA' DOKUMENTI RILAXXJATI MINN AWTORITA' ESTERA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar 2018**

**Kawza Numru : 17**
**Rikors Guramentat Numru : 305/2017/LSO**

**Paul Johnson Osunbor**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Paul Johnson Osunbor (KI38893A) datat 6 ta’ April 2017 fejn espona: -

Illi fic-cerkifikat taz-zwieg tar-rikorrent mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin-numru 99 tas-sena 2012 anness u mmarkat Dok 'A', fil-kolonna 'Isem u kunjom' jidher bhala 'Johnson Osunbor *also known as* Andula Johnson Yahaya', taht il-kolonna 'Eta` jew data tat-twelid' jidher 'Wed. 01 January 1975' u taht il-kolonna 'Post tat-twelid' jidher 'Direku, Niger'; u

Illi fil-permess tar-residenza tar-rikorrent rigward l-isem huwa gie imnizzel bhala 'Paul Johnson Osunbor', id-data tat-twelid giet imnizzla bhala '01/12/1984' u l-post tat-twelid gie mnizzel bhala 'Niger State'; kopja annessa u mmarkata Dok 'C';

Illi fil-passaport Malti tar-rikorrent mahrug fit-25 ta' Lulju 2013 ismu gie mnizzel bhala 'Paul Johnson/Osunbor', id-data ta' twelid giet imnizzla bhala '01 Dec/ Dec 84' u l-post tat-twelid gie mnizzel bhala 'NGA'; kopja annessa u immarkata Dok 'D';

Illi fil-passaport Nigerjan tar-rikorrent mahrug fit-18 ta' Settembru 2013 ismu gie imnizzel bhala 'Paul Johnson/ Osunbor', id-data ta' twelid giet imnizzla bhala '01 Dec/ Dec 84' u l-post tat-twelid gie mnizzel bhala 'Minna'; Kopja annessa u mmarkata Dok 'E';

Illi fil-licenzja tas-sewqan Maltija tar-rikorrent mahruga '16-03-2015', ismu gie mnizzel bhala 'Paul Johnson/Osunbor', id-data tat-twelid hija mnizzia bhala '01-12-1984' u l-post tat-twelid bhala 'Nigeria'; kopja annessa u immarkata Dok 'F';

Illi tali inkonsistenzi fl-isem, data tat-twelid u post tat-twelid tar-rikorrent qed tikkawza diffikultajiet prattici lir-rikorrent;

Illi kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, dawn l-inkonsistenzi fl-isem, kunjom, data tat-twelid u post tat-twelid tar-rikorrent sehhew biss minhabba zball li sar mid-Direttur tar-Registru Pubbliku jew impjegati tieghu, u ghalhekk ir-rikorrent m'ghandux jinkorri l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Illi r-rikorrent ghandu interess skont il-ligi*, inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16, li ssir id-debita korrezzjoni;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-isem tar-rikorrent ghandu jkun 'Paul Johnson Osunbor' u mhux ‘Johnson Osunbor *also known as* Andula Johnson Yahaya' jew 'Johnson Osunbor', id-data tat-twelid tar-rikorrent ghandha tkun l-ewwel (1) ta' Dicembru 1984 u mhux 'Wed. 01 January 1975', u l-post

tat-twelid ghandu jkun Minna, Niger State, Nigeria u mhux 'Direku, Nigeria' jew 'Direkul, Nigeria';

2. Tordna sabiex jigi korrett ic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrent bin-numri 99/2012. Dan fis-sens illi rigward ic-certifikat taz-zwieg fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom' l-isem ‘Johnson Osunbor also known as Andula Johnson Yahaya' jigi kkancellat u sostitwit bl-isem 'Paul Johnson Osunbor', il-kolonna 'Eta` jew data tat-twelid' tigi kkancellata u sostitwita bid-data 'Sat. 01 December 1984' u l-kolonna 'Post tat-twelid' tigi ikkancellata u sostitwita l-post 'Minna, Niger State, Nigeria'.

3. Tordna li dan il-bdil effettwat fl-att taz-zwieg jigi rifless f’kull att ta' l-istat civili relattiv tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta’ Mejju2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 16 ta’ Mejju 2017 (fol 34a) fejn l-Av. Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi preliminarjament huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir

id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi subordinatament u bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent jirrileva li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi r-rikorrent izzewweg cittadina Maltija nhar it-8 ta' Jannar 2012. Mill-Att taz-Zwieg li jgib in-numru progressiv ta' 99 tas-sena 2012, li jinsab anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', jidher car illi r-rikorrent flimkien ma' martu ddikjaraw l-informazzjoni misjuba fuq l-Att taz-Zwieg, inkluz l-isem tar-rikorrent, id-data tat-twelid tieghu, kif ukoll il-post tat-twelid tieghu. Fil-fatt il-mizzewgin komplew jikkonfermaw l-informazzjoni fornita minnhom lill-Ufficjali tad-Dipartiment ghar-Registrazzjoni tal-Att in kwistjoni permezz tal-firma taghhom li tidher ukoll mill-Att taz-Zwieg anness ma' din ir-risposta guramentata;

4. Illi maghdud mal-premess, fl-Att taz-Zwieg anness mill-esponenti, jidher ukoll car illi fejn hemm imnizzel isem ir-rikorrent u cioe' 'Johnson Osunbor' hemm ukoll zieda awtorizzata u ffirmata illi r-rikorrent huwa ukoll maghruf bhala 'Andula Johnson Yahaya';

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tkompli tigbed l-attenzjoni illi anke' fl-applikazzjoni tar-rikorrent ghal 'Temporary Humanitarian Protection' gewwa Malta, li tinsab annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 2', ir-rikorrent

kien iddikjara mal-Ufficcju tal-Kummissarju ghar-Refugjati li ismu proprju huwa dak ta' 'Johnson Osunbor aka Johnson Yahaya Andula', li twieled nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tal-1975 f'Direku n-Nigeria. Jispikka wkoll il-fatt illi fl-applikazzjoni tar-rikorrent ghal 'Temporary Humanitarian Protection' gewwa Malta, gie ddikjarat mir-rikorrent nnifsu illi missieru huwa mejjet. Minkejja dan, l-istess rikorrent fir-rikors guramentat tieghu annetta Affidavit tas-Sur Fedison Imarhiaugu Osunbur, immarkat bhala 'Dok. K', fejn gie iddikjarat illi Fedison Imarhiaugu Osunbur huwa proprju missier ir-rikorrent. Dan ifisser li wahda minn dawn il-verzjonijiet moghtija jew prodotta mir-rikorrent hija qarrieqa li finalment xejn ma tirrispekkja sabih fuq il-kredibbilita' tar-rikorrent nnifsu;

6. Illi bla hsara ghal premess u sussegwentament, ir-rikorrent inghata mill-Kummissjoni Refugjati t-'Temporary Humanitarian Protection' u fuq l-istess ittra, li tinsab annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 3' gie mnizzel illi din il-protezzjoni qed tinghata lir-rikorrent li ghandu l-isem ta' 'Osunbor Johnson aka Johnson Yahaya Andula', li hu imwieled l-ewwel (1) ta' Jannar tal-1975 f' Nigerja u dan skont l-informazzjoni pprovduta minnu;

7. Illi *stante* s-suespost, huwa effittivament car li a kuntrarju ta' dak li qed jishaq ir-rikorrent fir-rikors gurament tieghu, id-Direttur jew Ufficjali tal-istess Dipartiment ma ghamlu l-ebda zball meta saret ir-registrazzjoni ta' dan l-Att taz-zwieg, lanqas ma kien hemm xi tip ta' ommissjoni da parti l-istess esponent;

8. Illi f' tali cirkostanzi, l-esponenti hija tal-umli fehma illi t-talba kif dedotta mir-rikorrent ma timmeritax li tigi milqugha u ghaldaqstant l-esponenti toggezzjoni ghal korrezzjoni kif mitluba mir-rikorrent;

9. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi m'ghandhiex tigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 25 ta' Jannar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Robert Piscopo ghar-rikorrent prezenti. Dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku. Dr Piscopo rrimetta ruhu ghal provi, filwaqt li Dr Ellul insistiet fuq l-eccezzjonijiet issollevati. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Frar 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikolu 253 *et sequens*** tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li

taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fl-10 ta' April 2017 (fol 24) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrent qed jitlob li jigi korrett ic-certifikat taz-zwieg tieghu billi ismu ghandu jkun "Paul Johnson Osunbor" mhux "Johnson Osunbor also known as Andula Johnson Yahaya", qed jitlob ukoll li tigi korretta d-data tat-twelid li ghandha tkun l-1 ta' Dicembru 1984, mhux l-1 ta' Jannar 1975 u l-post tat-twelid ghandu jkun "Minna Niger State Nigeria" mhux "Direku Nigeria."

In sostenn ghat-talba tieghu, r-rikorrent esebixxa dokumenti, u xehed permezz ta' affidavit, fejn qal li ismu huwa "Paul Johnson Osunbor", u d-data u l-post tat-twelid tieghu huma skorretti fuq l-att taz-zwieg. Semma li fl-atti ohra, meta twieldu t-tfal tieghu, kif ukoll, fil-passaport u dokumenti ohra mahruga, id-dettalji ta' ismu u tad-data tat-twelid huma differenti.

**Nadine Osunbor**, mart ir-rikorrent xehdet b'affidavit u qalet li ilha taf lir-rikorrent mill-2008, u dejjem tafu bl-isem "Paul".

Illi fil-mertu, r-rikorrent ghandu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, l-veracita` tal-fatti minnu dikjarati, inkluz ismu, u

d-data u post tat-twelid li qed jitlob li jigu korretti. Din il-prova tinkombi fuqu.

Illi kif gie ribadit fis-sentenza ta` din il-Qorti kif diversament presjeduta (**PA/JRM**) fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" :-

*"Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju (ara P.A. DS 13.2.2001 fil-kawża fl-ismijiet* ***Nancy Caruana vs Odette Camilleri*** *mhix pubblikata, imma f'dan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27.2.2004)."*

Illi wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa d-dokumenti esebiti mar-rikors promotur, din il-Qorti hija tal-fehma, li r-rikorrent ma rnexxilux jipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-veracita` ta' dak li qed jallega. Huwa esebixxa fotokopja tal-permess ta' residenza, fotokopja tal-passaport Malti, fotokopja tal-passaport Nigerjan, fotokopja tal-licenzja tas-sewqan, liema passaporti huma mahrugia fis-sena 2013, li hija data sussegwenti ghaz-zwieg tieghu f'Malta f'Jannar 2012, kif ukoll, sussegwenti ghall-applikazzjoni tar-rikorrenti ghal *Temporary Humanitarian Protection* esebita bhala Dok DRP2. Ghalhekk, dak hemm indikat dwar ismu u dwar id-data tat-twelid hi informazzjoni f'dokumenti mahruga

sussegwenti ghad-data taz-zwieg tieghu f'Malta. L-istess jista' jinghad ghal Dok J, c-certifikat tat-twelid mahrug min-Nigerja li jgib id-data tat-28 ta' Novembru 2012.
Illi dawn id-dokumenti mhumiex ta' konfort ghat-tezi tal-attur ghaliex l-informazzjoni f'uhud minnhom ma jirriflettix dak li qed jintalab illum kif ukoll mhumiex kollha awtentikati kif imiss bil-Ligi u kwindi mhumiex ammissibbli bhala l-ahjar prova tal-kontenut taghhom.

Illi l-awtenticita` ta' dokument, li minnha tiddependi l-effikacja probatorja li l-ligi tirrikonoxxi lid-dokument, tezisti f' dawk l-ipotezijiet mill-istess ligi stabbiliti. Senjatament l-Artikoli 627, 628 u 629 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dawn jelenkaw kategoriji ta' dokumenti jew li ma hemmx bzonn li tigi pruvata l-awtenticita` taghhom (Artikoli 627 u 628) jew li ghandhom bzonn li jkunu awtentikati (Artikolu 629). Dawn huma kollha ammissibbli u ghalhekk producibbli bhala provi, anke jekk ikunu kopji (Artikolu 636).

Illi izda fil-kaz odjern, ic-certifikat esebit minnu bhala *Attestation of Birth* a fol 15 mhuwiex awtentikat kif trid il-Ligi u ma tistax tigi kkonsidrata bhala prova tal-kontenut taghha. Dan hu ghaliex dan id-dokument ma kienx awtentikat mir-rapprezentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern Malti fil-pajjiz li hargu u dik l-awtenticita` tieghu ma gietx ippruvata xort' ohra, hlief bis-semplici firma fuqu tal-Avukat.

Ghandu jigi rilevat ukoll li fuq dan id-dokument, il-post tat-twelid tar-rikorrent mhuwiex indikat imma hu imholli vojt.

Inoltre l-permess ta' *Temporary Humanitarian Protection* muri a fol 19 jindika isem ir-rikorrent bhala *Osunbor Paul Johnson aka Johnson Yahaya* li mhuwiex l-isem li jixtieq ir-rikorrent. Ukoll fl-istqarrija mir-*Refugee Comissioner* a fol 18 jirrizulta li r-rikorrent iddikjara mal-Kumissjoni li missieru kien gie assassinat fis-sena 2003 mentri esebixxa affidavit ta' missieru datat it-28 ta' Novembru 2012 (fol 16).

Illi jigi osservat, li hekk kif jidher f'Dok DRP1, esebit mar-risposta tal-intimat, hu u martu kienu ffirmaw ghad-dettalji hemm imnizzla, li ma jirriflettux id-dettalji tal-korrezzjonijiet mitluba fir-rikors odjern. Inoltre`, jidher evidentement car, li fejn hemm imnizzel isem ir-rikorrent, hemm ukoll zieda awtorizzata ffirmata mir-rikorrent, li huwa maghruf bhala "Andula Johnson Yahaya." L-istess fl-ittra esebita mar-risposta tal-intimat, Dok DRP 3, fejn ir-rikorrent huwa imnizzel li huwa maghruf bhala "Andula Johnson Yahaya."

Inoltre, jigi nnutat, li f'Dok DRP2 esebit mar-risposta tal-intimat, gie espressament indikat mir-rikorrent, kif *del resto* kkonferma hu stess fil-kaz odjern, li missieru gie assassinat. Ghalhekk, huwa ferm kunfliggjenti, d-dokument "K", fuq imsemmi li huwa affidavit ta' Mr. Fedison Imarhiaugu Osunbor, esebit bhala affidavit ta' missier ir-rikorrent datat 28 ta' Novembru 2012. Hawnhekk, taqbel mal-eccezzjoni tad-Direttur intimat, li dan kollu jxejjen il-kredibilita' tar-rikorrent.

Illi fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tistax tghaddi ghall-konferma tat-talbiet tar-rikorrent fin-nuqqas ta' provi attendibbli.

*In vista* tas-suespost, tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, u tichad it-talbiet tar-rikorrent *stante* li ma jirrizultawx ippruvati skont il-Ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat ghar-ragunijiet spjegati, tichad it-talbiet tar-rikorrent.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Frar 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Frar 2018**